MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 692/2001/1

**Francis u Gaetana sive Tania konjugi Buttigieg.**

**vs**

**Raymond u Maria konjugi Cuschieri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' April 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R. MIcallef fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond Hacienda, Triq il-Pluviera, Mensija, San Gwann;

Illi fuq inkarigu tal-istess atturi l-konvenut ezegwixxa xoghlijiet fil-fond proprjeta' tal-atturi. Liema xoghol kien jikkonsisti fost ohrajn, f'xiri ta' materjal sabiex jitqieghed madum u jitwahhal *skirting*, ghal liema xoghol u materjal l-atturi hallsu lill-konvenut s-somma ta' elfejn hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm2,573);

Illi l-istess xoghlijiet ma gewx ezegwiti skont is-sengha u l-arti, u dan kif jirrizulta wkoll mir-rapporti tal-Perit Carl Grech A&CE (Dok."A" u "B"), tant illi dawn ix-xoghlijiet qed jigu ezegwiti mill-gdid minn terza persuna;

Illi minhabba dawn ix-xoghlijiet, l-atturi sofrew danni konsistenti f'telf ta' uzu tal-istess fond, kif ukoll xoghlijiet u spejjez li qed isiru mill-gdid;

Illi ghalkemm interpellat sabiex jirrifondi l-ammont imsemmi u jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi x-xoghlijiet ezegwiti mill-konvenut fil-fond proprjeta' tal-atturi, u cioe' Hacienda, Triq il-Pluviera, Mensija, San Gwann ma gewx ezegwiti skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti.

2. Tordna lill-konvenut jirrifondi s-somma ta' elfejn hames mija tlieta u sebghin lira Maltin (Lm2,573) jew somma verjuri li tigi stabblita minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti materjal u xoghlijiet ezegwiti mill-konvenut.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, konsistenti fost ohrajn f'telf ta' uzu tal-istess fond kif ukoll xoghol u spejjez li qed isiru mill-gdid okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi dak l-ammont li jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja datata 21 ta' Marzu 2001, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta ghas-seduta tat-12 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 30 ta' Mejju 2001 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi x-xoghol imwettaq mill-konvenut Raymond Cuschieri sar sknot l-istruzzjonijiet tal-attur u skont l-arti u s-sengha.

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma huma responsabbli ghal ebda danni.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Micallef.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2003 fuq talba

tal-attur innominat lill-Perit Tekniku Valerio Schembri bil-fakolta' li jisma' xhieda bil-gurament a spejjez provizorjament tal-atturi u bil-fakoltajiet kollha soltu moghtija. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Ottubru 2003 ghar-rapport.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut datata 17 ta' Ottubru 2006 a fol. 116 tal-porcess.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-Perit Valerio Schembri prezentat ir-Registru fit-28 ta' Novembru 2008 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tal-15 ta' Frar 2007 kif jidher esibit a fol. 129 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta fejn fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Graziella Bezzina ghall-attur prezenti, u Dr. Joseph Zammit Maempel ghall-konvenuti, prezenti l-konvenut. Dr. Graziella Bezzina ddikjarat li mhux ha tinsisti ghat-talba tal-Periti Perizjuri u l-kawza tista' tibqa' ghall-finali trattazzjoni jew ghas-sentenza. Dr. Graziella Bezzina, ghall-atturi, talbet li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' sittin (60) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-*visto*/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom sittin (60) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolo ghad-29 ta' Jannar 2009.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi rikorrenti datata 21 ta' Awwissu 2008 a fol. 370 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti Cuschieri datata 2 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha kif giet prodotta.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur inkariga lill-konvenut sabiex jaghmel xi xoghlijiet fil-fond tieghu u dan jammonta ghall-kuntratt ta' appalt u naturalment japplikaw il-principji u li jirregolaw dan l-istitut. Fil-fatt it-talbiet attrici huma fis-sens illi qeghdin jitolbu kemm ghar-restituzzjoni ta' l-ammont imhallas lill-konvenut mill-atturi ghal imsemmi xoghol u wkoll ghall hlas ta' danni allegatament rekati bix-xoghol li allegatament sar hazin u mhux skont is-sengha u l-arti.

Illi jirrizulta li x-xoghlijiet li kien inkarigat jaghmel il-konvenut mill-attur kien it-tqeghid ta' madum (ceramika) fil-*basement*, fil-*garage* ta' *semi-basement*, u fil-pjan terran tal-fond tal-atturi msemmi fil-kawza odjerna u l-ilmenti tal-istess atturi huwa li l-istess xoghol sar hazin u mhux skont is-sengha u l-arti.

Illi kif inghad fil-kawza **Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjugi Agius** (A.I.C. (PS) 6 ta' Ottubru, 2004) *"bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu 'ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu' (**Kollez Vol XL pI p485**)"*". F'dan is-sens din il-Qorti sejra tezamina fil-kuntest tal-provi kollha prodotti, nkluza r-relazzjoni peritali, jekk ilmenti allegati mill-atturi fil-konfront tal-konvenut humiex ben fondati jew le.

Illi saru diversi ilmenti mill-atturi li huma ndikati fix-xhieda taghhom, fir-rapport tal-perit minnhom inkarigat u wkoll fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom a fol. 165 u fol. 370 (21 ta' Awwissu 2008) tal-process u dawn kien jinkludu:-

(1) l-qlib tal-madum fil-*basement* garaxx sar hazin ghaliex l-ilma jaqleb lejn ic-centru tal-ambjent u mhux fil-gnub fejn hemm il-*floor drains*; fl-istess livell hemm *grouting* hazin u saru diversi gonot tal-madum nieqsa; hemm madum f'dislivell u ilmenti ohra elenkati *inter alia* a fol. 166 *et sequitur* tal-process.

(2) Illi l-*grouting* ossia t-tahlit, it-tqeghid tal-madum sar hazin, u l-fili tal-madum ma kienux tal-hxuna ugwali ghal xulxin;

(3) Illi l-madum fil-pjan terran kien mqieghed hazin, il-fili ma kienux ugwali, il-madum imqieghed kien jiccaqlaq, u li r-ruzun imqieghed fis-sala tal-entratura ma' kienx imqieghed sew;

(4) Illi l-madum mqieghed fit-terrazzin ma kellux *expansion joints* u kien qed juri qsim li kien ikrah fid-dehra;

Illi wara li kkonsidrat il-provi kollha prodotti u anke wara li l-istess ilmenti kollha gew ikkunsidrati fir-rapport tekniku, nkluz fl-eskussjoni tal-perit tekniku nkarigat il-Qorti, din il-Qorti waslet ghall dawn il-konkluzjonijiet fil-konfront tal-ilmenti kollha sollevati mill-atturi u cjoe':-

Illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet in kawza fejn l-attur kellu jipprovdi materjal kollu, kemm madum u kemm prodotti ohra sabiex issir it-tahlita, u wkoll li t-torba kellha tinfirex mill-istess attur b'dan ghalhekk li x-xoghol li kellu jaghmel il-konvenut kien jikkonsisti li jqieghed il-madum dan fejn u kif jigi ndikat lilu mill-atturi, hlief ghall xi invellar tat-torba skont in-natura tax-xoghol.

Illi dwar l-allegat ilment imressaq mill-atturi konsistenti fid-differenza fit-tonalita' u kwalitajiet ohra tal-madum

imqieghed dan huwa u certament mhux imputabbli lill-konvenut ghaliex kienu l-atturi stess li provdew il-materjal u dan apparti li l-kwalita’ ta’ madum maghzul mill-atturi jirrizulta li kien ta’ kwalita’ kummercjali, u dan apparti li l-konvenut isostni li huwa mill-ewwel indika lill-atturi li l-madum maghzul kien tal-hajt u skont il-perit tekniku l-madum fornit mill-atturi kien wiehed kummercjali u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta’ Edwin Borg ghan-nom tas-socjeta’ Bollicine Limited, min fejn inxtara l-madum, li kkonferma li l-madum kien *“commercial”.* Dan jinsab ikkonfermat mill-perit tekniku fl-ewwel (1) paragrafu tar-relazzjoni tieghu (fol. 160).

Illi fuq dan il-punt jinghad ukoll li dwar l-ilment tal-atturi dwar l-allegat materjal hazin uzat, irrizulta fuq ammessjoni tal-attur stess fl-affidavit tieghu a fol. 19 tal-process illi l-materjal kollu xtrah l-attur u kull ma kien jixtri l-konvenut kien l-acitu sabiex jahsel il-madum. Isegwi li kull ilment dwar il-materjal uzat huwa allura mputabbli lill-istess atturi.

Illi dwar ix-xoghol li sar fil-*basement* tal-fond in kwistjoni mill-konvenut l-istess perit tekniku jikkonkludi b’mod kategoriku li dan ix-xoghol sar skont is-sengha u l-arti (para. 3 – fol. 161). Dwar l-ilment tal-atturi fejn allegaw li l-madum twahhal hazin ghaliex ma kienx hemm il-qlib tal-istess madum lejn id-*drains* jirrizulta mill-provi prodotti li l-attur ried li l-madum tal-*basement* jitqieghed kollu fl-livell wiehed minghajr ebda qlib u fil-fatt il-perit tekniku kkonkluda li l-art kienet invell u l-konvenut mexa kemm mal-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-atturi, u wkoll skont l-arti u s-sengha ghaliex meta qieghed il-madum mexa mal-livell tal-qatran; biex isir tali qlib li jidher li llum gie rikjest mill-atturi, dan il-livell ta’ qatran kien jinqabez, u ghalhekk f’dan il-kaz kien hemm bzonn li l-istess atturi *tramite* persuna kompetenti bhal perit jaghtu struzzjonijiet u direzzjonijiet lill-konvenut sabiex ix-xoghol issir bil-qlib; dan ifisser li minn dak li kkonkluda l-istess perit tekniku tali decizjoni ta’ natura teknika kienet tispetta lill-persuna kompetenti bhal perit u ma ma kenitx tispetta lill-konvenut – minhabba f’hekk l-istess perit tekniku ma setghax jikkonkludi li x-xoghol mill-istess konvenut sar hazin u mhux skont is-sengha u l-arti. Dan iktar u iktar meta din il-

Qorti thoss li gie ppruvat li kien l-attur stess li ta' struzzjonijiet lill-konvenut sabiex jqieghed il-madum *"kollu invell minghajr ebda qlib".* F'dan il-kuntest jirrizulta li l-opinjoni teknika tal-istess perit kienet li dwar l-istess qlib l-attur kellhu jiehu direzzjoni jew jinkariga persuna li tifhem sabiex taghti d-direzzjoni teknici li jkun hemm bzonn lill-konvenut fit-tqeghid tal-madum, u dan peress li bhala xoghol ta' tqeghid ta' madum il-konvenut mexa skont l-ordinijiet lilu moghtija mill-attur u wkoll skont l-arti u s-sengha, b'dan li x-xoghol ta' tqeghid ta' madum sar kif suppost. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-istess perit tekniku fl-eskussjoni tieghu dwar dan l-istess punt.

Illi dwar is-*semi-basement* l-perit tekniku jghid illi xoghol originali tal-konvenut kien inqala kollu wara li sar u dan minn terzi fuq struzzjonijiet tal-atturi u b'hekk  l-art giet mghollija u l-madum rega' mqieghed mill-imsemmija terzi u cioe' minn kuntrattur iehor imqabbad mill-atturi. Fl-isfond ta' dan jirrizulta li l-perit tekniku ma setax jezamina allura x-xoghol tal-istess konvenut u dan jidher li l-istess perit tekniku jikkoferma f'paragrafu 4 tar-relazzjoni tieghu (fol. 161).  Fuq kollox jirrizulta li ma kien hemm xejn x'jindika li x-xoghol fl-istess pjan kien differenti minn dak li ghamel il-konvenut fil-*basement* u allura kkonkluda li t-tqeghid ta' madum, anke f'din il-parti tal-fond saret kif titlob is-sengha u l-arti ta' tqeghid ta' madum.

Illi f'dan il-kuntest l-istess perit tekniku ikkonkluda li ma kien hemm xejn x'jindika li xoghol sar b'mod differenti minn dak li kien sar fis-sular ta' tahtu u ghalhekk jirrizulta li hawn ukoll ix-xoghol ta' tqeghid tal-madum sar skont is-sengha u l-arti. F'dan il-kuntest jinghad  li huwa oneru tal-atturi li jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom u b'dan il-mod din il-Qorti thoss li l-istess atturi naqsu li jippruvaw l-allegazzjonijiet minnhom vantati.

Illi dwar l-ilment illi kien hemm xi *drains* imblukkati b'sediment li gie kkawzat mill-konvenut, jinghad li din l-allegazzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata mill-atturi u fil-fatt ma hemm l-ebda prova illi dan is-sediment kien *grouting* jew jew materjal iehor li kien intuza mill-konvenut u allura u fuq kollox ma hemm ebda prova li dak allegat

mill-atturi sar mill-konvenut u dan fil-grad rikjest mill-ligi. Tal-istess konkluzjoni hija r-relazzjoni peritali (para. 5 – fol. 162) u allura fuq dan l-ilment jinghad li l-atturi ma ssodisfawx l-element ta’ prova li kien jinkombi fuqhom.

Illi dwar l-ilment tal-atturi illi x-xoghol sar hazin ghaliex il-madum tal-*ground floor* inqala’ minn mal-i*skirting* u l-istess perit tekniku kkonkluda li dan il-fatt mhux imputtabli lill-konvenut u dan peress li dan kien jindika li l-madum nizel *bodily* u d-difett, jekk kien jezisti kien dak li kien hemm fit-tqeghid tat-torba, u mhux fit-tqeghid tal-madum (fol. 153). Fil-fatt l-istess perit tekniku sostna li *“dan il-bodily movement tal-madum huwa fatt li jigri meta l-art tkun planki bhal fil-kas in desamina u dan in vista tac-caqliq li tali membru strutturali huwa succettibbli ghalih”.* Fl-istess vina hija l-konkluzjoni tal-perit tekniku f’paragragu 8 tar-relazzjoni tieghu (fol. 163). Ghalhekk dan ilment *da parte* tal-atturi bhala imputabbli lill-konvenut qed jigu wkoll michud.

Illi dwar in-nuqqas ta’ uzu ta’ l-*expansion joints*, jirrizulta li dawn ma gewx rikjesti mill-attur/i, tant li l-konvenut xehed katigorikament li l-atturi qatt ma talbu li jsiru l-istess, tant li kieku hekk kien il-kaz, l-istess atturi kien ikollhom ihallsu *extra* ghalihom.  Illi f’dan il-kuntest jinghad li ghalkemm il-Perit Tekniku jghid li dawn kien bzonnjuzi, jzid jghid li *“hija prassi lokali pero’ li dawn jithallsu separatament u se mai jekk jintalbu, tali talba ssir minn min ikun qed jissorvelja x-xoghol jew min ikun qed jaghti l-istruzzjonijiet tieghu fir-rigward”.* Illi minn dan il-Qorti tifhem li t-tqeghid tal-istess kienet tiddependi fuq dak rikjest mill-attur u minn dak li l-istess konvenut kien dirett li jaghmel mill-atturi, u fil-kaz partikolari ma hemm ebda prova li l-atturi b’xi mod talbu lill-konvenut sabiex jaghmel l-istess, u ghalhekk din il-Qorti thoss li hawn ukoll il-lamentela tal-atturi ma hijiex gustifikata u minflok thoss li dak kontenut fil-paragrafu 9 tan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta’ Ottubru 2008 hija l-posizzjoni korretta, b’dan li l-istess konvenut ma kienx obbligat li jaghmel l-istess *joints*, tant li la kien hemm ftehim dwar l-istess u wisq inqas thallas ghall-istess. Jidher li fil-fatt l-istess j*oints* gew ordnati lill-kuntrattur li ddahhal mill-atturi minflok il-konvenut, u dan

peress li gie dirett jaghmel l-istess u wkoll thallas ghall-istess.

Illi dwar ir-ruzun il-perit tekniku rrileva li waqt l-access kien hemm qbil bejn il-partijiet li r-ruzun li kien hemm ma kienx dak li kien ghamel il-konvenut. F'dan ir-rigward l-atturi pproducew *video* li, skont l-atturi juri r-ruzun kif kien mqieghed mill-konvenuti. Il-perit tekniku jikkonkludi pero` illi r-ruzun muri fil-video ma twahhalx fl-istess zmien li sar ix-xoghol mill-konvenut (para.6 – fol. 162). Hija ghalhekk li din il-Qorti, wkoll fil-kuntest li dak li nghad mill-istess perit tekniku stess, ir-rizultanzi ta' liema huwa stess ikkonstata, ma tistax taqbel ma' dak kontenut f'paragrafu 10 (fol. 161) tal-istess rapport u dan ghaliex proprju invista ta' l-asserzjoni maghmula f'paragrafu 6, jirrizulta li ma' giex ippruvat li r-ruzun kif hemm indikat kien xoghol tal-konvenut. F'dan il-kuntest ukoll jinghad li x-xhieda tal-konvenut u s-sottomissjonijiet tieghu huma konsistenti ma' dan kollu (para. 10 tal-istess nota) u allura f'dan l-istat ta' provi  din il-Qorti thoss li ma jistax jinghad  li l-atturi ppruvaw l-allegazzjonijiet taghhom f'dan ir-rigward fil-konfront tal-konvenut u ghalhekk anke dan l-ilment qed jigi michud.

Illi dwar il-mod kif tqieghed il-madum mill-istess relazzjoni jirrizulta li dan tqieghed kif titlob is-sengha u dan anke f'dak li jirrigwarda uniformita' ta' fili u gonot (fol. 152 u 153) u ghalhekk l-ilmenti fuq dan l-istess aspett jirrizultaw li huma nfondati.

Illi l-atturi jallegaw li t-tletin maduma fil-pjan terran tqeghdu hazin ghaliex kellhom il-hinka, tant li dawn tnehhew minn Stephen Galea li hadem wara l-konvenut; dwar dan l-ilment din il-Qorti thoss li jirrizulta mill-atti li l-perit tekniku ma setax jikkonstata dan personalment ghas-semplici raguni li huwa ra l-istess xoghol biss wara li t-tieni kuntrattur mqabbad mill-atturi kien diga qala' l-madum li kien ghamel il-konvenut – dan allura jfisser li l-istess perit tekniku qatt ma kien f'posizzjoni li jezamina attwalment il-madum impoggi jew imqieghed mill-konvenut. Jekk imbaghad wiehed jimxi fuq il-provi prodotti, jirrizulta li anke meta hareg ir-rapport tal-Perit Karl Grech, l-istess

madumijiet kienu diga mibdula ( “FB3” u “FB23” – invoices li juru li x-xoghol kien diga sar meta dan gie spezzjonat mill-perit), u kull ma hemm hija allegazzjoni tal-atturi kontrastata mill-konvenut, u in vista’ ta’ dan u dak kollu li fih l-istess process, anke fuq dan il-punt, din il-Qorti thoss li din l-allegazzjoni attrici fuq dan il-punt bl-ebda mod ma giet ippruvata, u fil-fatt ma hemm l-ebda spjegazzjoni mill-perit tekniku (inkluz f’para. 7 – fol. 162) sabiex b’xi mod jimmotiva l-konkluzjoni tieghu, dejjem fid-dawl tal-fatt, li huwa stess ma’ setax jikkonstata x-xoghol attwali tal-konvenut – ghaliex meta rah kien gja mibdul. Fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss u hija tal-fehma li ma hemmx provi bizzejjed sabiex jista’ jinghad li l-atturi in effett kienu gustifikati li jbiddlu l-madum in kwistjoni.  Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li fir-relazzjoni kollha l-istess perit tekniku sostna li minn dak li huwa ra ma kien hemm xejn x’jindika li x-xoghol ma’ sarx *a regola d’arte*, u ghalhekk fil-kuntest ta’ dan kollu u fin-nuqqas ta’ provi kontrastanti, ma jistax jinghad li gie ppruvat li dawn it-tletin maduma mqieghda mill-konvenuti ma sarux skont is-sengha u l-arti.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li l-atturi bl-ebda mod ma ppruvaw li l-konvenut ma ghamilx ix-xoghol skont l-arti u s-sengha, u jista’ jinghad li allura f’dan il-kuntest l-istess atturi naqsu li jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom, almenu sal-grad rikjest mill-ligi. Fil-kuntest tax-xoghol tal-konvenut ta’ tqeghid tal-madum, mill-atti kollha ta’ din il-kawza, meta ezaminati bir-reqqa minn din il-Qorti, jirrizulta li ma hemm ebda prova li t-tqeghid ta’ madum ma’ sarx mill-konvenut kif titlob is-sengha’, anzi l-provi prodotti, jirrizulta li l-appalt esegwit mill-konvenut gie maghmul skont is-sengha u l-arti u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III.   KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------